**Dritt ta' rtirar**
Jekk tagħżel li tirtira l-ordni tiegħek, tista' tagħmel dan fi żmien erbatax-il (14) jum minn meta tkun irċevejt l-irċevuta tiegħek mingħajr ma tagħti l-ebda raġuni. Is-servizzi ta' abbonament jistgħu jiġu rtirati biss wara li jsir l-abbonament inizjali.

Biex tirtira l-ordni tiegħek, trid tinfurmana bid-deċiżjoni tiegħek. Tista' teżerċita d-dritt tiegħek ta' rtirar billi tmur fil-Kont ta' Apple tiegħek > Kronoloġija tax-Xiri, fejn tagħżel l-ordni li tixtieq tirtira, parzjalment jew kompletament, u tikklikkja fuq "Withdraw Purchase". Inti se tiġi ridirezzjonat lejn is-sit web ta' Apple biex tagħżel l-oġġett jew l-oġġetti mill-ordni li tixtieq tirtira, u mbagħad agħfas "Next" u "Confirm". Jekk tuża din il-funzjoni ta' rtirar, aħna se nibagħtulek mill-ewwel konferma ta' riċeviment bl-email li tinkludi informazzjoni dwar il-kontenut tan-notifika ta' kanċellazzjoni kif ukoll id-data u l-ħin li fiha ġiet irċevuta. Alternattivament, tista' tuża l-mudell tal-formola tal-kanċellazzjoni mehmuża, li mhix obbligatorja, jew tibagħtilna dikjarazzjoni ċara oħra dwar id-deċiżjoni tiegħek.

Biex tilħaq id-data tal-iskadenza tal-irtirar, trid tikkomunika l-irtirar tiegħek qabel ma jiskadi l-perjodu ta' erbatax-il (14) jum.

**Effetti tal-irtirar**
Aħna noħorġulek rimborż mhux aktar tard minn erbatax-il (14) jum mill-jum minn meta nkunu rċevejna l-avviż ta' rtirar min-naħa tiegħek. Aħna se nużaw l-istess mezz ta' ħlas li tkun użajt int għat-Tranżazzjoni, u inti mhux se teħel ħlas għal dan ir-rimborż.

**Eċċezzjoni għad-dritt ta' rtirar**
Ma tistax tirtira l-ordni tiegħek għall-provvista ta' Kontenut jekk dan laħaq sar disponibbli fuq it-talba u r-rikonoxximent tiegħek li b'hekk titlef id-dritt ta' rtirar tiegħek.

**Mudell tal-formola tal-irtirar**
- Lil Apple Distribution International Ltd., Apple Support, Hollyhill Industrial Estate, Hollyhill, Cork, ir-Repubblika tal-Irlanda, rightofwithdrawal@apple.com:
- B'dan qed navża li qed nirtira mill-kuntratt tiegħi għal dan li ġej:
[DAĦĦAL L-ID TAL-ORDNI, L-OĠĠETT, L-ARTIST U T-TIP]
- Ordnat nhar [DAĦĦAL ID-DATA] / irċevut nhar [DAĦĦAL ID-DATA]
- Isem il-konsumatur
- L-indirizz tal-konsumatur
- L-indirizz elettroniku tal-konsumatur
- Id-data